**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 24 – IT-TNEJN, 14 ta' Settembru 2020 FIL-5.45pm**

Il-Kunsill iltaqa' via Skype.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier (6.00pm) |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| David Dalli | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 23**

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. Dwar paragrafu 5.1, is-Sur Dominic Cassar talab biex jiġi nkluż l-ammont li l-Kunsill għandu joħroġ. Għandu jiżdied "l-ammont ta' 1225 Euro huwa allokat għal din l-attività".

1.2 Dwar paragrafu 6.3, is-Sur Anthony Mifsud Bonnici talab biex tinbidel l-ewwel sentenza. Din għandha tiġi "Is-Sur Mifsud Bonnici ressaq talba minn resident biex issir MC bay fuq il-parti wiesa tal-bankina fi Triq Buganvilla. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan is-suġġeriment għaliex fuq il-bankini m'għandhomx isiru parking bays.

1.3 Is-Sinjura Tania Borg ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 23**

2.1 Dwar paragrafu 5.1, kien hemm qbil li din l-attività tiġi postposta minħabba direzzjoni mill-Awtoritajiet tas-Saħħa dwar attivitajiet. Għandu jsir kuntatt mal-Awtoritajiet tas-Saħħa biex jiġu stabbiliti protokolli meta dawn it-tipi ta' attivitajiet jistgħu jsiru.

2.2 Dwar paragrafu 6.1, is-Sur Anthony Mifsud Bonnici għandu jiltaqa‘ mas-Sinjura Violet Bajada biex jiġi magħżul id-disinn li għandu jkun hemm fuq il-maskri li ser jinxtraw mill-Kunsill.

## 3 Pagamenti Numru 25

3.1 Is-Sinjura Tania Borg ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Joe Aquilina ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill li nkariga l-Perit tal-Kunsill biex jirrevedi l-pjanti tal-proġett ta’ Ġnien Karin Grech biex jibda jfittex finanzjamenti ta’ dan il-proġett.

4.2 Is-Sindku tkellem fuq il-bżonn li jinsabu aktar postijiet biex isiru bike rakes u hekk jiġi nkuraġġati aktar nies jagħmlu użu mir-rota. Hu nkariga lis-Sur Joe Aquilina biex jieħu din l-inizjattiva f’idu.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar ittra mill-Konkaditral ta’ San Ġwann biex il-Kunsill jorganizza tours, bla ħlas għar-residenti tiegħu. Kien hemm qbil unanimu u s-Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob aktar informazzjoni.

5.2 Ġiet innutata verżjoni draft tal-virtual tour tal-Knisja Parrokjali. Kien hemm qbil li meta din tkun konkluża, għandu jsir launch tagħha.

5.3 Dwar il-Milied, kien hemm qbil li jerġa’ jsir id-daqq tal-Carol Singing fi Triq in-Naxxar.

## 6 Affarjiet Ohra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex jinxtraw b’1050 Euro tiżjin tas-siġar tal-Milied. Kien hemm qbil. Fakkar li għad iridu jsiru l-information stands u l-business cards. Hu ressaq ilment ta’ resident li kien hemm flooding fi Triq il-Mensija. Il-Kunsill ġie muri video li ttieħed it-Tnejn, 14 ta’ Settembru 2020 fl-4.30 ta’ wara nofsinhar waqt ix-xita nieżla fejn ma kien hemm ebda flooding fi Triq il-Mensija. Is-Sur Dominic Cassar ressaq ilment ukoll dwar siġra perikoluża fi Triq Birkirkara. Is-Sindku nforma lill-kamra li hu kien tkellem mas-Sindku ta’ San Ġiljan fejn ikkonferma li din is-siġra hija f’San Ġiljan imma hija fi triq arterjali.

6.2 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ippropona li s-Sur Manuel Attard jiġi nnominat mill-Kunsill għall-premju anzjan attiv. Kien hemm qbil unanimu.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Settembru 2020 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Trevor Fenech** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |